# PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 6: Ngħixu bħal Ġesu'**

**Lezzjoni 5: Niċċelebraw il-Qawmien**

**Għanijiet:**



1. Jisimgħu l-istorja tal-qawmien ta' Ġesu'
2. Jiffukaw fuq l-ikbar suċċess, il-qawmien.
3. Jagħrfu l-kobor tal-qawmien

**Riżorsi għal-lezzjoni:**

- PowerPoint *Il-qawmien mill-mewt ta' Ġesu'*
- Template tal-krafts għal kull tifel u tifla
- Kartonċin għall-krafts
- File bil-kanzunetta *He's alive*
-



**Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu**

- Uri l-powerpoint Il-qawmien mill-mewt ta' Ġesu'.
- Iffoka fuq il-kobor tal-qawmien ta' Ġesu' mill-mewt. Għid lit-tfal li Ġesu' huwa ħaj għax rebaħ fuq il-mewt.
- Dak li kien wiegħed Ġesu' kien seħħ tassew. Kif kien qal, Huwa kellu jsalva lill-bnedmin billi jbati u jmut għalina.
- Imma Ġesu' kien speċjali għax rebaħ lill-mewt!



**Nisimgħu flimkien (actual lesson)**

- Spjega li minħabba dan l-ikbar suċċess li kiseb Ġesu' , il-festa tal-Għid il-Kbir hija l-akbar festa tagħna l-insara.
- Għid lit-tfal li issa se nagħmlu krafts biex nibqgħu niftakru din il-ġrajja.
- Agħti lil kull tifel u tifla template tal-krafts. (Craft Risen 1- stampa waħda ta' Ġesu', Craft Risen2)

- Spjega li jridu jpinġu bil-kulur lil Ġesu' u l-qabar.
- Imbagħad se jwaħħlu lil Ġesu' fuq kartonċina u jaqtgħuh.
- Il-karta A4 (Craft Risen2) tal-qabar ukoll se jwaħħluha fuq kartonċina biex tkun soda.
- Imbagħad se jitwu fejn hemm il-linja u jaqtgħu il-linja li hija *dotted.*
- Se jwaħħlu iż-żewġ naħat tal-karta (fejn hemm il-qabar) flimkien.
- Imbagħad se jaqbdu biċċa spaga u jwaħħluha mal-istampa ta' Ġesu'
- Se jdaħħlu lil Ġesu' ġol-qabar u jiġbduh bl-ispaga biex jarawh iqum mill-mewt.
-



**Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)**

- Ġesu' huwa ħaj. Ġesu' rebaħ fuq il-mewt u ħadd ma jista' jagħmillu xejn.
- Il-festa tal-Għid il-Kbir hija l-akbar festa tagħna l-insara.
- Jekk nemmnu f'Ġesu' u nimxu warajh aħna wkoll nirbħu miegħu.



**Nagħżlu flimkien (Attitude)**

- Bħal Ġesu' għandna naraw kif negħlbu id-diffikultajiet, in-niket u t-tbatija li niltaqgħu magħhom ta' kuljum.
- M'għandna naqtgħu qalbna qatt.



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

Uri l-video bil-kanzunetta *He's alive* lit-tfal (ara l-file bil-kanzunetta *He's alive*



**Nitolbu**

Fl-aħħar tal-lezzjoni it-tfal ikunu jgħaqqdu idejhom flimkien u jgħidu mal-għalliema:

**Ġesu' qam mill-mewt!**

**Amen! Hallelujah!**

